# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta’ nhar il-Hamis 21 ta’ Gunju, 2001**

**Numru : 29**
**Citaz. numru : 892/01/RCP**

**General Auto Imports Limited**

**vs**

**Anthony Frendo**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni attrici li bih is-socjeta` attrici wara li ppremettiet:

Illi permezz ta' skrittura datata 16 ta' Lulju 1998, l-konvenut ghan-nom tas-socjeta' Spray It Limited dahal fi ftehim mas-socjeta’ attrici li permezz taghha xtara u akkwista prodotti taz-zebgha ghall-karozzi fl-ammont ta' ghaxart elef u hames mitt lira Maltin (Lm10,500); u

Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fl-ammont, ossia bilanc mis-somma akbar, ta' elfejn hames mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm 2,525) kif jirrizulta mill-anness *statement of account*; u

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta' attrici, is-socjeta'-konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq kontra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas tal-istess ammont; u

Illi ghalkemm interpellata diversi drabi, s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

L-istess socjeta` attrici talbet ghalhekk li l-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m 'ghandhiex:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza *ai termini* tal-artikoli 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn hames mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm 2,525) rapprezentanti bejgh ta' zebgha tal-karozzi.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra interpellatorja datata 30 ta' Jannar 2001 kif ukoll imghaxijiet legali mid-data tal-iskrittura, kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni kif korretta;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-konvenut **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** kif dedota fic-citazzjoni b'dan illi:

2. Tikkundanna lill-konvenut thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn hames mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm2,525) rapprezentanti bejgh ta' zebgha tal-karozzi.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra interpellatorja datata 30 ta' Jannar 2001 kif ukoll imghaxijiet legali mid-data tal-iskrittura, kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**21 ta' Gunju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**21 ta' Gunju, 2001**